# ĠIŻIMIN AĦMAR

Fil-ġnien ta' wieħed mill-kunventi tal-Patrijiet ta' Ġieżu, kien hemm daqsxejn ta' statwa ta' San Franġisk. Kienet tal-ġebel. Ma kinetx xi biċċa xogħol magħmula bis-sengħa, iżda billi kienet ilha hemm minn żmien żemżem, ħadd mill-patrijiet ma ried li titneħħa. Kienu jgħidu li ħadimha wieħed novizz twajjeb li miet fl-isbaħ jiem ta' żgħożitu. Ma' dwar din l-istatwa kienet tikber kull għamla ta' ward li fir-rebbiegħa kienu jimlew il-ġnien bil-benna ta' fwiħithom. Sewwa sew f'riġlejn l-istatwa kienet tikber xitla tal-ġiżimin. Il-patrijiet kienu jgħożżuha bosta, għax, bħal ma kien jingħad, din kienet xitla ta' l-għeġubijiet. Meta kienet tasal ir-rebbiegħa kienet tiftaħ ġiżimin abjad, iżda dak in-nhar tal-Milied kienet tagħmel ġiżimin aħmar. U s-sabiħa hi, li sa lejliet il-Milied ma jirhux ġiżimin fix-xitla, u l-għada tal-Milied igħibu. Bosta nies ma kenux jemmnu dan, iżda meta rawhom b'għajnejhom u semgħu minn għand il-patrijiet il-ġrajja tax-xitla, biddlu fehemthom. Il-ġrajja ġriet minn fomm għall-ieħor, u meta l-Milied jerġa' jkun magħna, tisma' bosta jtennu l-ġrajja tal-ġiżimin aħmar.

* * *

Snin u snin ilu — hekk waslet f'widnejja l-ġrajja — kien igħix patri ta' Ġieżu li n-nies kienet tgħoddu b'qaddis. Kien jismu Patri Gawdenz, u, ara kemm in-nies kienet temmen fih, li firraħal fejn għad hemm il-kunvent tiegħu, għadek issib tfal imsemmija għalih sal-lum. Jingħad li bosta morda kisbu l-fejqan bit-talb tiegħu, u oħrajn li kienu morda f'ruħhom, għall-kelma tiegħu, reġgħu għat-triq it-tajba. Dan Patri Gawdenz qabel inġabar f'art twelidu, kien għadda 'l fuq minn tnax il sena fl-Art Imqaddsa, ixandar Tagħlim il-Feddej fost il-Lhud u l-Għarab. Meta reġa' lura f'artu, issokta l-ħidma fejjieda tiegħu. Il-ftit ta' mistrieħ li kien ikollu, kont issibu fil-ġnien igħid ir-Rużarju jew jilgħab ma' l-għasafar u l-qsari li kellu f'kamartu.

Bħal Missieru San Franġisk, kien jinħall wara l-ġmiel tal-ħolqien għax kien igħid, li l-ħlewwa tal-ħolqien twasslek biex tagħraf aħjar il-kobor tal-Ħallieq. Iċ-ċella tiegħu kellha tieqa tagħti għall-ġnien, sewwa sew fuq l-istatwa ta' San Franġisk. Għasfur jew tnejn qatt ma naqsu f'kamartu, u kien jehda jilgħab magħhom u jpespsilhom. U l-għasafar kollhom ħlewwa kienu jwieġbuh b'tisfira ċkejkna ċkejkna.

Mijiet ta' għasafar tal-bejt kienu jgħammru qalb is-siġar tal-ġnien tal-kunvent. Fi nżul ix-xemx, il-kunvent kien ikun għagħa waħda bit-tpespis li ma jaqta' xejn ta' l-għasafar kollha f'daqqa. Kemm kien jitgħaxxaq ixxwejjaħ Patri Gawdenz dak il-ħin, u bil-ferħ li kien iħoss ifawwar f'qalbu, sa d-dmugħ kien jaqbiżlu minn għajnejh! Ta' kull darba fil-għaxija kien itella' mir-refettorju biċċa lbieba tal-ħobż biex meta jqum ifarrakha fuq ħoġor it-tieqa u hekk l-għasafar isibu biex jitrejqu.

L-għasafar kienu drawh sewwa, għax wara ftit li jkun sebaħ, kont tarahom geġwiġija fuq ħoġor it-tieqa taċ-ċella inaqqru ferrieħa l-frak tal-ħobż. Biċċa minnhom kienu jidħlulhu fiċ-ċella u joqgħodu jtiru fuq soddtu. Patri Gawdenz, xejn anqas minnhom, kien dra-

hom ukoll u l-koll tahom isem. Kien hemm min semmieh 'Ċkejken', 'Fulu', 'l-Aħdar' u x'naf jien, iżda l-aktar li kien donnu miġbud lejn Patri Gawdenz kien 'Pizu', għasfur tal-bejt il-ġmiel tiegħu. Meta kien jidħol fiċ-ċella ta' Patri Gawdenz ma kien ikun irid joħroġ b'xejn, għalhekk għamillu gaġġa bla bieba ħdejn it-tieqa taċ-ċella biex jidħol u joħroġ kemm irid, u fil-għaxija jsib il-kenn hemm ġewwa.

Kienet sewwa sew lejliet il-Milied, u dak in-nhar ħarġet ġurnata, biex ingħid hekk donnha tas-sajf. Malli sebaħ, ġew l-għasafar fuq ħoġor it-tieqa. It-tieqa kienet għadha magħluqa, u Pizu, li qam ma' l-ewwel imrieżaq fietla tax-xemx fi tlugħha, ried jissieħeb ukoll ma' sħabu l-għasafar. Ħareġ mill-gaġġa u beda jpespes bla jaqta' .Il-Patri ntebaħ x'ried. Qabdu bejn idejh u beda jżiegħel bih u jbusu. Fetaħ it-tieqa u erħielu jittajjar fil-beraħ. Pizu beda jittajjar minn siġra gall-oħra, u daħal u ħareġ ma nafx kemm-il darba fiċ-ċella tal-Patri. Fl-aħħar il-għasfur għeb għal kollox minn quddiem għajnejh u ntilef fil-beraħ kaħlani.

Pizu tar fuq l-għelieqi kollhom ħdura ta' ma' dwar il-kunvent. Niżel jixrob minn għadira u tar u qabeż fuq is-siġar, ipespes hieni. L-għasfur waqaf jistrieħ fuq siġra taż-żebbuġ, u hekk kif kien mehdi jnaqqar il-weraq, iħoss għaddejja minn ħdejh, xita ta' ċomb jaħraq. Kien kaċċatur, li kif ra 'l Pizu spara fuqu u laqtu. B'xorti tajba, iċ-ċomb ftit laħqu, u għalhekk seta' jissokta jittajjar. Iżda wara titjira qasira kellu jieqaf jistrieħ fuq siġra oħra. Sidru kien imċappas bid-demm, għax għalkemm, kif għedna, iċ-ċomb ftit laħqu, imma biċċa minnu taqqablu sidru u għamillu ġerħa kbira. L-għasfur bi tbatija kbira reġa' qabad itir. Wara li straħ fuq kemm-il siġra, ir-nexxielu jasal ħdejn l-istatwa ta' San Franġisk fil-ġnien tal-patrijiet. Pizu ma felaħx jittajjar aktar. Niżel jistrieħ fuq ix-xitla tal-ġiżimin li kien hemm f'riġlejn l-istatwa. Id-demm issokta ħiereġ mill-ġerħa li kellu f'sidru u ċappas ix-xitla. L-għasfur kien wasal fit-tmiem. Ta ħarsa miksura lejn iċ-ċella ta' ħabibu Patri Gawdenz u pespislu b'leħen dgħajjef, donnu sejjaħlu biex jiġi jgħinu. Iżda dak il-ħin Patri Gawdenz kien qiegħed iqaddes, u l-imsejken Pizu, mifrud minn ħabibu, miet u waqa' fl-art taħt ix-xitla.

Għalxejn stennieh dik il-lejla Patri Gawdenz lil ħabibu Pizu. Sejjaħlu kemm-il darba u fil-għaxija ħalla t-tieqa mbexxqa biex jekk jiġi mal-lejl ikun jista' jidħol. Iżda Pizu dik il-lejla ma marx fiċ-ċella ta' ħabibu. L-għada fil-għodu, il-Btala tal-Milied Imqaddes, Patri Gawdenz niżel fil-ġnien biex jaqta' ftit narċiż ġdid għal quddiem il-Bambin. Malli wasal quddiem l-istatwa ta' San Franġisk Missieru, waqaf u lissen talba żgħira. Bl-akbar għaġeb tiegħu, ra x-xitla tal-ġiżimin mżgħuda b'ġiżimin aħmar ifuħ. Tbaxxa biex jaqta' waħda. Waqaf! Kesaħ! Taħt ix-xitla ra l-ġisem iebes ta' ħabibu Pizu ...... u għajnejn ix-xwejjaħ imtlew bid-dmugħ.

*  *  *

U ta' kull sena, fil-għodwa tal-Milied, ix-xitla tal-ġiżimin, bl-ward aħmar tagħha, baqgħet tfakkar ġrajja, li tagħha hi kienet ix-xhud waħdanija, snin u snin ilu.

Patri MARJAN VELLA, O.F.M.,

*Surmast tan-Novizzi.*